MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1125/2002/1

**Robert Zaffarese**

**Vs**

**Id-Direttur, Dipartiment tat-Toroq**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas Lm1,200.00c (elf u mitejn lira Maltin) rappresentanti danni sofferti minnhu f'incident meta l-attur habat f'Central Strip li ma kellha ebda sinjal u/jew dawl li jindika l-presenza taghha u ghal liema incident huwa responsabbli l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li d-danni allegatament sofferti mill-attur kienu risultat tan-negligenza u traskuragni tieghu.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda.

PS 159 Sharon Leckey esebiet hames okkorenzi tal-Pulizija in konnessjoni ma' incidenti li graw fl-istess perjodu ta' xahar fl-istess post.

L-attur xehed li kien qed isuq fid-direzzjoni ta' Qormi f'xi 5.30am. Kien hemm transit quddiemu, pprova jaghmel manuvra ta' surpass izda sab Central Strip u habat go l-istess. L-attur qal li t-triq kienet mudlama u ma kienx hemm sinjali ta' dik is-Central Strip u lanqas bozza tixel fuqha. L-attur qal li kien ghaddej b'speed ta' xi 45kfs.

Xehed ukoll Clint Scerri prodott mill-attur li qal li dak in-nhar kien qed jahdem "night shift". Meta hareg mix-xoghol sema' l-hoss ta' habta. Scerri qal li t-triq ilha fid-dlam. Scerri qal li ma kien hemm l-ebda sinjal tat-traffiku li juri li kienu qeghdin isiru xi xogholijiet. Scerri kkonferma li huwa habib tal-attur.

Ikkunsidra li skond Dok SL4 gara incident fejn persuna kien qed jaqla xarabank u baqa' diehel fuq is-Central Strip in kwistjoni. Dan gara fis-sebgha ta' filghodu.

Dok SL3 huwa dwar l-incident in kwistjoni. Skond il-Pulizija wara l-incident l-attur qal:

"Naf li kont niezel u kien hemm van li qabad u waqafli f'daqqa u sibt is-Central Strip li qbadta bir-rota ta' quddiem. Dawl is-Central Strip ma kelliex. Fl-istess rapport hemm dettalji tal-hsara fil-propjeta' – "traffic pole sign complete with units, plastic traffic sign, railing".

Illi skond il-Highway Code: Art. 181- "Never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourself or others."

Fil-kawza Zammit Cutajar Vs Formosa (Appelli Civili 26/6/1961) intqal li "driver ta' karozza li jigi biex jissorpassa karozza ohra ghandu jkun zgur, qabel ma jaghmel dik il-manuvra illi jista jaghmilha b'sikurezza". Fil-kawza Debono Vs Camilleri (Appelli Civili 23/2/1962) intqal li "hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin

ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vettura, l-istat tal-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' driver li jzomm "a reasonable careful look out" liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli. Jekk driver jonqos milli josserva dawn iz-zewg regoli ta' prudenza u jigi f'kollizzjoni..…huwa jkun hati ta' negligenza kontributorja..…u ma jistax jinvoka l-ezoneru ta' sudden emergency ghax huwa kien f'negligenza antecedenti u din tkun li giebet l-istat tal-emergenza."

L-Awtur Charlesworth, fil-ktieb tieghu "On Negligence" osserva: "if a highway is obstructed, as for example, by placing a pole across it, a person who is injured without negligence on his part in consequence of the obstruction, can recover….If a heap of rubbish is lawfully left in the highway, for example, during road repairs, but negligently left unguarded and unlit, a person injured by it can recover.

Fil-kawza deciza mill-Prim Awla - Abela Vs Prim Ministru et (23/10/1992) intqal li kien id-dover tal-Gvern li jara li r-rampa tkun protetta b'safety barriers u sinjali adegwati biex il-pubbliku jkun avzat u protett. Id-difiza li kienu tpoggew barikati, izda dawn tnehhew minn hallelin, giet michuda, ghax kien obbligu tal-awtoritajiet f'kull kaz, li jaraw li l-ambjent kien minghajr periklu.

Fis-sentenza Camilleri Vs Carbone 30/6/1995 PA – il-konvenut Telemalta Corporation gie misjub responsabbli ghall-incident meta halla trinka fit-triq minghajr sinjali jew pre avviz li kien hemm trinka fit-triq. Intqal l-attur "kellu d-dritt jippresumi li t-triq kellha tkompli fl-istat li kienet tidher li hi. Li ma kienx hekk mhux tort tieghu, izda tort tal-korporazzjoni li naqset li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega biex tavza lil kull utent tat-triq li f'dak il-post kien hemm trinka".

Illi f'dan il-kaz jirrisulta li fil-11 ta' Ottubru, 2001 kien hemm incident tat- traffiku fejn karozza ghamlet hsara fis-Central Strip inkluz railings u traffic lights (Ara SL4). Illi l-incident in kwistjoni gara fil-14 ta' Ottubru, 2001 u skond Dok

(SL3) “to eliminate danger to third parties the traffic pole accessories and railings which were damaged on the Central Strip were carried away.”

L-attur isostni li “t-triq kienet mudlama, ma kienx hemm sinjali ta’ dik is-Central Strip u lanqas bozza tixel fuqha.” L-attur qal ukoll li t-truck ta’ quddiemu kellu kaxxa kbira u ma kellux brake lights. It-truck waqaf f’daqqa, l-attur ipprova jaghmel manuvra ta’ surpass u habat gos-Central Strip. Fil-kontro-ezami l-attur qal li xi hames piedi qabel is-Central Strip hemm continuous white line.

Clint Scerri kkonferma li fejn habat l-attur hemm id-dlam u ebda sinjal.
L-attur kellu jipprova li l-incident gara minhabba nuqqas ta’ dawl u nuqqas ta’ sinjali li kien hemm in konnessjoni mas-Central Strip. Jidher izda li l-incident gara ghaliex it-truck ta’ quddiem l-attur waqaf f’daqqa u l-attur, minghajr ma setgha jara sew x’kien hemm fuq il-gemb tat-truck ghamel manuvra ta’ surpass. L-attur kellu jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi; jekk ma kienx hemm hafna dawl, jekk ma setghax jara x’kien hemm fuq il-gemb u ftit il-quddiem mit-truck kellu jieqaf wara t-truck jew isuq bil-mod hafna. Ma hemmx bizzejjed evidenza biex dan it-Tribunal jikkonkludi li l-incident gara tort tal-konvenut.

Fid-dawl tal-evidenza prodott f’din il-kawza t-Tribunal ma jistax jikkonkludi li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u ghaldaqstant jichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------